Minuti tal-Laqgħa Nru. 3 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Skola Sajf
5. Skola Sport
6. Post Mortem Jum Ħal Luqa
7. Ħarġa għal Għawdex
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq ix-xogħol li sar fuq il-bank tal-garaxx jonqos li jsir travett sabiex jitwaħħal fil-post u jinżammu l-arbli fuqu. Huwa semma wkoll li fil-garaxx jista jkun hemm hot plate sabiex tintuża mill-ħaddiema stess. Is-Sindku qal li għalissa mhux il-mument peress li ninsabu fis-Sajf.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Viċi Sindku semma li hemm siġra fejn l-iskola li għandha bżonn tinżabar peress li qed ikun hemm inkonvenjent u ġrieden.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn ukoll li tinżabar is-siġra li hemm maġenb id-Daycentre peress li qed tostakkola l-vista ghal karozzi tal-Arriva.

3.3 Il-Kunsilliera Sammut qalet ukoll li hemm siġar viċin ta Triq il-Vitorja li hemm bżonn li jkunu mqaċċta peress li dawn huma wkoll velenużi.

3.4 Il-Kunsilliera Massa ippreżentat ittra li hemm il-ħsieb li tkun organiżżata ikla l-għada tal-festa fi Triq id-Dokkiena. Is-Sindku semma li jkun hemm il-bżonn li jinħareġ permess għalhekk.

3.5 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera Sammut biex tavviċina lis-self employed u tara l-bżonnijiet tagħhom. Qallha wkoll biex tavviċinahom fuq sponsorships meta jittellgħu l-attivitajiet.

3.6 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li kienet avviċinata minn naħa tal-Carly’s Stationery għax wera x-xewqa li jinstalla U-bar bir-reklam. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jara sewwa ma Transport Malta kif inhi l-proċedura biex isir din.

3.7 Il-Kunsilliera Sammut qalet ukoll biex isir qtugħ ta ħaxix fi Triq il-Qasam Sperimentali u t-toroq tal-madwar.

3.8 L-istess Kunsilliera semmiet li hemm bżonn isiru road markings fi Triq il-Vitorja. Is-Sindku semma li dawn huma ppjanati li jsiru.

3.9 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet fuq id-dawl tal-Housing Estate ta Ħal Farruġ. Is-Sindku irrisponda li diġa saru meetings mal-perit fuq il-post minħabba l-compliance tar-rampa. Huwa semma li qed tiġi ippjanata l-aħħar fażi sabiex jingħalaq l-proġett u jkun hemm id-dawl.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma biex fi Triq St. George's fejn hemm id-daħla tal-garaxxijiet isir kaxxa safra minħabba li qed ikun hemm vetturi li qed jipparkjaw b' mod li qed joħolqu inkonvenjent għalk dawk li jridu jidħlu fil-garaxijiet.

3.11 Il-Kunsilliera Sammut issuġġerrit biex ġewwa Ħal Luqa tibda tidħol il-karoazza tas-City Sightseeing. Hija qalet li din tkun forma ta tour li tgħaddi min bliet u rħula apposta għas site seeing.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma biex fejn twaħħal l-arblu wara d-Dinitrol jkunu mwaħħlin crash barriers madwaru, peress li jista jkun hemm periklu li xi vetturi jidħlu fih.

## 4.0 SKOLASAJF

4.1 Il-Kunsilliera Sammut tkellmet fuq li se tkun organiżżata Skola Sajf kif kien isir is-snin ta qabel. Hija semmiet li din se tkun organiżżata fuq bażi ta tlett darbiet fil-ġimgħa u lil dawk il-ġenituri li se jibgħatu wliedhom għal Skola Sajf se jintalbu jħallsu € 40, sabiex minhom jkunu koperti parti mill-ispejjeż li jagħmel il-Kunsill għal din l-inizjattiva.

4.2 Skola Sajf se tibda mis-16 ta' Lulju u tibqa sejra sal-ewwel ġimgħa ta Settembru. Fl-ewwel ġimgħa ta Lulju se ssir laqgħa għal dawk il-ġenituri li se jibgħatu wliedhom għal Skola Sajf.

## 5.0 SKOLASPORT

5.1 Il-Kunsillier Falzon ippreżenta ittra minn naħa ta St. Andrew's FC fejn qalu li se jsir Summer Camp u li qed jitolbu għajnuna minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li jaraw liema forma ta koperazzjoni jista' jagħti l-Kunsill.

5.2 Il-Kunsillier Falzon semma li dan sar anki fis-snin ta qabel u li kienet ta suċċess peress li t-tfal li jattendu jibqgħu jippratikaw lis-sports u jieklu ikel healthy. L-etajiet tat-tfal li jattendu għas Summer Camp jkun bejn is-7 u 15 il-sena.

5.3 Is-Sindku semma li għal din linizjattiva li ssir għal ġid tat-tfal jkunu allokati € 300 u li minhom jkunu jistgħu jsiru t-shirts bil-logo tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Camilleri u l-Kunsillier Falzon biex jidħlu responsabbli fl-organiżazzjoni ta din l-inizjattiva.

5.4 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-inizjattiva.

## 6.0 POST MORTEM JUM ĦAL LUQA

6.1 Il-Kunsillier Caruana semma li dwar Jum Ħal Luqa seta kien hemm aktar promozzjoni, għax l-attivita ma kinitx imsemmija biżejjed.

6.2 Il-Kunsilliera Massa qalet li l-attivita irnexxiet.

6.3 Is-Sindku faħħar lil tal-Iskene fuq l-animazzjoni li telgħu u qal li kienet sabiħa ħafna. Huwa qal biex għad darba li ġejja għandhom jkunu involuti aktar il-każini. Huwa semma wkoll li minn naħa tal-każini għandu jkun hemm rappreżentant fis-Sotto Kumitat sabiex jkun hemm kordinament anki flimkien mal-Każini.

6.4 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex darb oħra jkun hemm kordinatur flimkien mas-Segretarju sabiex ix-xogħol jkun mqassam aktar u jitmexxa l-program kif suppost.

6.5 Il-Viċi Sindku qal li hemm ir-ritratti tal-attivita l-Kunsill biex kull minn huwa interessat jkun jista jarahom hemm.

**7.0 ĦARĠA GĦAL GĦAWDEX**

7.1 Is-Sindku semma li hemm ippjanata li ssir ħarġa għal Għawdex biex isir fl-ewwel ġimgħa ta Lulju. L-itinerarju se jkun ir-Rabat, Ta Pinu u x-Xlendi.

7.2 Il-Kunsilliera Massa semmiet li hemm ippjanata li għal dakinhar issir żjara fil-fabbrika ta Magro Brothers.

7.3 Il-Viċi Sindku semma li tkun idea tajba li dawk li jippreferu jmorru l-fabbrika ta Magro jittieħdu hemm u l-oħrajn jittieħdu r-Rabat.

7.4 L-ikel se jkun servut fis-1.00 p.m.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Is-Segretarju semma li hemm pagament ta Raymond Calleja li kien imdaħħal lejn l-aħħar li jikkonċerna xogħol li sar fuq il-bdil tas-servizzi tal-ilma tal-Housing ta Triq Giovanni Bonavia.

8.2 Is-Sindku semma li parti mix-xogħol li kellu jiġi rimedjat fi Triq il-Parroċċa minn naħa tal-Asfaltar ġie rimedjat. Huwa qal ukoll li jonqos li jkun rimedjat parti oħra ta Triq il-Parroċċa sabiex ikun lest. Huwa qal li għalissa l-kuntrattur jista jitħallas parti mill-kont, peress li kien rimedjat parti mix-xogħol.

8.3 Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sindku u approva wkoll il-ħlasijiet kollha.

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012, fis-6.45 p.m. Il-laqgħa li jmiss tkun fl-aħħar ġimgħa ta Ġunju.

Konfermati llum ______________________ 2012.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |